MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 22/2013/1

**L-Avukat Dottor Georgine Schembri**

**v.**

**Francis Xavier Micallef u George Micallef**

Dan hu appell maghmul mill-intimati appellanti minn decizjoni moghtija fis-6 ta’ Settembru 2013 mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-kompetenza superjuri taghha, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talba taghhom ghar-revoka tas-subbasta numru 22/2013 fl-ismijiet **L-Avukat Georgine Schembri v. Francis Xavier sive Xavier Micallef et.**

Il-fatti relevanti huma dawn.

Fil-31 ta' Lulju 2013 l-appellanti pprezentaw rikors fl-atti tas-subbasta fuq imsemmija li permezz tieghu, wara li talbu li r-rikors jigi appuntat ghas-smigh, talbu li l-ewwel Qorti thassar is-subbasta fl-ismijiet premssi *"in kwantu r-ragunijiet li ghalihom qed jintalab il-hlas mhumiex validi fil-ligi."* L-ewwel Qorti rreagixxiet ghal dan ir-rikors billi provvizorjament ordnat is-sospenzjoni tas-subbasta u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-6 ta' Settembru 2013 bil-fakolta` tar-risposta da parti tal-kontro-parti sa dakinhar.

Fl-istess jum li fiha kellu jinstema' r-rikors tal-appellanti, u cioe` fis-6 ta' Settembru 2013, dawn ipprezentaw rikors li permezz tieghu talbu lill-ewwel Qort sabiex tiddifferixxi s-smigh tar-rikors ghal data ohra *"in vista tal-inkolumita` fizika u inabilita` fizika"* da parti tal-istess appellanti li jattendu l-Qorti dakinhar.

Fl-istess rikors huma sostnew li "ix-xhieda taghhom fis-smigh tar-rikors huwa imperattiv, u dan peress illi huma u huma biss jafu bil-fatti kollha relattivi ghall-kawzi li a bazi taghhom qed jintalab il-hlas u li eventwalment wassal ghal din is-subbasta."

L-ewwel Qorti, fl-istess udjenza cahdet it-talba ghal differiment u tat bhala raguni s-segwenti:

"… … peress li hija marbuta mat-termini perentorji li fihom kwistjonijiet bhal dawn iridu jinstemghu u jigu decizi. Apparti dan, ma tara l-ebda lok ghalfejn ir-rikorrenti jridu jixhud dwar drittijet legali li gew regolament intaxxati mir-Registratur tal-Qorti, u li qatt ma gew kontestati fiz-zmiegh moghti mill-ligi."

Dik l-istess Qorti imbaghad ghaddiet sabiex tiddeciedi t-talba ghar-revoka tas-subbasta f'dawn it-termini:

"Il-Qorti, billi ma tara ebda validita' fir-ragunijiet imressqa mir-rikorrenti prezenti fir-rikors taghhom tal-31 ta' Lulju 2013, ghaliex ghandha thassar, tirrevoka jew tannulla l-atti

ta' din is-subbasta, tichad it-talba u tordna l-prosegwiment tas-subbasta."

Ir-ragunijiet li ressqu l-appellanti fir-rikors tal-31 ta' Lulju 2013 kienu tlieta: [1] li l-kawza numru 153/98 kienet giet appellata, u skont l-appell, li nqata' fid-9 ta' Jannar 2009, l-appellant George Micallef ma kellux ibati spejjez tal-kawza; [2] li l-kawza bin-numru 132/2004 giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], u skont din is-sentenza l-ispejjez kellhom *"jinqasmu skond is-sehem li kull parti ghandha fil-wirt ta' Maria Antonia Micallef";* [3] li l-kawza numru 122/2003 li giet deciza fit-2 ta' Ottubru 2012 giet appellata u l-appell ghadu ma giex *"deciz definittivament."*

Huwa opportun li jigi osservat li l-ordni sabiex tinbeda l-procedura ghal-licitazzjoni naghtat b'digriet tal-14 ta' Lulju 2013 fuq rikors maghmul mill-appellata fit-30 ta' Mejju 2013 li mieghu hemm annessi t-taxxi mahruga mir-Registratur tal-Qorti fir-rigward tal-kawzi fuq indikati. Dawn it-taxxi inhargu fit-23 ta' April 2009, fis-16 ta' Marzu 2009 u fl-1 ta' Novembru 2012, rispettivament.
Mill-atti ma jirrizultax li dawn it-taxxi, li fuqhom hija bazata t-talba tal-appellata ghal otteniment tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2013, kienu gew ikkontestati skont il-ligi fiz-zmien stipulat fl-Artikolu 64 Kap.12.

L-intimati qed jibbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji: [1] li ma giex osservat it-terminu tassattiv ta' xahar kontemplat fl-Artikolu 281[3] tal-Kap.12; [2] li l-intimati ma nghatawx mill-ewwel Qorti *"l-opportunita` shiha"* sabiex jipprezentaw il-kaz taghhom *"b'mod shih"* quddiemha. Fuq dawn l-aggravji huma qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti appellata.

Min-naha taghha l-appellata, fir-risposta taghha qed titlob li l-appell jigi michud, b'kundanna ta' *doppio spese* fil-konfront taghhom. Hija bbazat ir-risposta taghha principalment fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet: li l-punt dwar l-iskadenza tax-xahar kontemplat fis-sub-inciz 3 tal-Artikolu 281 ma giex sollevat quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk kien hemm *"akkwiexxenza u ratifika cara da*

*parti taz-zewg partijiet.”;* li sabiex jinghata provvediment fuq ir-rikors tal-intimati ma kinitx mehtiega x-xhieda taghhom, stante li l-vertenza kienet wahda ta’ natura legali.

*L-ewwel aggravju*

Dan hu msejjes fuq it-terminu ta’ xahar stipulat fis-sub-inciz 3 tal-Artikolu 281 tal-Kap.12, li jiddisponi hekk:
“[3] Il-Qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors wara s-smigħ tal-partijiet, u kull xiehda li jidhrilha xierqa, jekk taħseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta’ xahar mill-jum tal-preżentata.”

L-appellanti, wara li ssottomettew li t-terminu stabbilit fl-imsemmi sub-inciz huwa car, univoku, u tassattiv, fissru hekk l-aggravju taghhom:

“Illi anke permezz tad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] gja kien hemm difett fil-procedura addottata u dan stante illi s-smigh tar-rikors ghar-revoka gie appuntat wara t-trapass taz-zmien kontemplat fl-artikolu 281[3], cioe’ xahar, u ghalhekk kuntrarjament ghal dak stabbilit mill-ligi.”

Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju, inkwantu bazat fuq il-fatt li lahaq ghadda l-perjodu ta’ xahar sakemm giet appuntata l-ewwel data ghas-smigh, huwa legalment insostenibbli meta jitqies li r-rikors kien gie prezentat, u d-digriet tal-appuntament inghata, fiz-zmien meta l-Qorti kienet fil-ferjat.[1]

Ghalkemm mill-atti ma jirrizultax li l-ewwel Qorti tat xi raguni fit-termini tar-regola 28[5] tar-“Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni”, ma gie sollevat ebda ilment, la quddiem l-ewwel Qorti u lanqas quddiem din il-Qorti dwar il-fatt li d-digriet tal-appuntament inghata fil-perjodu tal-ferjat, u minn dan l-aspett hija valida s-sottomissjoni tal-appellata li kien hemm akkwiexxenza u

---

[1] Ara App.643/2013 **HSBC Bank Malta p.l.c. v. V.K. Construction Limited**, deciza 25 Gunju 2013 b’ referenza ghar-regolament 28[3] [c] u [5] tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proceduri tal-Qrati u l-Bon Ordni

ratifika cara da parti taz-zewg partijiet, li tinnewtralizza dan l-aggravju kif mressaq.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

Dan hu fis-sens li l-appellanti kienu gew imcahhda mill-opportunita` li jipprezentaw il-kaz taghhom *"b'mod shih"* quddiem l-ewwel Qorti, peress li dakinhar ma setghux jattendu ghas-smigh minhabba mard. L-appellant George Micallef ipprezenta certifikat mediku datat 6 ta' Settembru 2013 li jghid li *"he is at present suffering from a respiratory tract infection.",* filwaqt li l-appellant l-iehor ipprezenta certifikat mediku, ukoll datat 6 ta' Settembru 2013 li jghid li dan l-appellant huwa mugugh *"and unable to walk long distances "sequelae of advanced Lumbar spondylosis".*

Din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-appellanti setghu semmghu lehenhom permezz ta' affidavit anke prezentat aktar tard dakinhar wara talba ghal posponiment tal-kawza, l-ewwel Qorti deherilha li ma kienx il-kaz li tisma' xhieda dwar ir-rikors stante li r-ragunijiet tat-talba tal-intimati kienu strettament ta' natura legali, u ghalhekk ezercitat id-diskrezzjoni li jaghtiha l-imsemmi sub-inciz billi qieset li ma kienx il-kaz li tisma' xhieda fuq *"drittijiet legali li gew regolarment intaxxati mir-Registratur tal-Qorti u li qatt ma gew ikkontestati fiz-zmien moghti mill-ligi."*

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li ma tismax xhieda f'dan il-kaz, u dan fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti.

Fl-ewwel lok ghax in-natura tal-vertenza li kellha quddiemha l-ewwel Qorti kienet wahda legali u dipendenti fuq il-provi dokumentali.

Fit-tieni lok, ghax l-appellanti donnhom insew li l-Artikolu 281 citat minnhom fis-sub-inciz 1 jghid espressament li r-rikors ghar-revoka kellu "jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien <u>mad-dokumenti kollha</u>

li jsostnu r-rikors[2] lil dik il-Qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

Mill-premess jirrizulta car li dak li kellhom jghidu l-appellanti kellhom jghiduh fir-rikors, u kellhom jannettu mar-rikors id-dokumenti kollha in sostenn tat-talba taghhom.

Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez a karigu tal-appellanti.  Dwar l-ispejjez din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li timponi spejjez doppji.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Sottolinear tal-Qorti